VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,697, 4 ta' Awwissu, 2026
Taqsima B

A.L. 212 tal-2026

ATT DWAR IL-KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA (KAP. 291)

Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Multi fuq il-Post (Residenti mhux Abitwali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 13 tal-Att dwar il-Kummissarju għall-Ġustizzja, il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Multi fuq il-Post (Residenti mhux Abitwali) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Multi fuq il-Post (Residenti mhux Abitwali), hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 291.10.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-tieni proviso tas-subregolament (5) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali l-kliem "ikun anqas minn ħamsa u għoxrin euro (€25)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ikun anqas minn ħamsin euro (€50)".